32001R2036

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2036/2001

tas-17 ta' Ottubru 2001

li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2796/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Franza u l-Italja bagħtu lill-Kummissjoni seba' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' ċerti ismijiet bħala ismijiet ta' l-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi.

(2) Skond l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjonijiet instabu li jilħqu l-ħtiġijiet kollha stabbiliti fih u b'mod partikolari fihom it-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 4 tiegħu.

(3) L-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni ma ġiet irċevuta mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament rigward l-ismijiet mogħtija fl-Anness ma' dan ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej [3].

(4) L-ismijiet għandhom għalhekk jiddaħħlu fir-"Reġistru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u minn issa 'l quddiem jiġu protetti fil-Komunità kollha bħala ismijiet ta' l-oriġini protetti jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

(5) L-Anness ma' dan ir-Regolament jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2400/96 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1971/2001 [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness ma' hawn huma miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 2400/96 u mdaħħla bħala denominazzjoni ta' l-oriġini protetti (DPO) jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti"pprovdut bl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 324, tal-21.12.00, p. 26.
[3] ĠU C 297, tad-19.10.00, p. 2.
ĠU C 297, tad-19.10.00, p. 4.
ĠU C 313, tal-01.11.00, p. 5.
ĠU C 330, tal-21.11.00, p. 2.
ĠU C 331, tat-22.11.00, p. 7.
ĠU C 366, tal-20.12.00, p. 9.
ĠU C 366, tal-20.12.00, p. 12.

[4] ĠU L 327, tat-18.12.96, p. 11.
[5] ĠU L 269, tal-10.10.01, p. 5.

L-ANNESS

IL-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNESS I MAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

Il-Laħam frisk u l-interjuri

FRANZA

It-Taureau de Camargue (IOP)

Il-Prodotti bbażati fuq il-laħam

FRANZA

Il-Boudin blanc de Rethel (IĠP)

Il-Jambon sec et noix de jambon sec des Ardennes (IĠP)

Iż-Żjut u x-xaħmijiet

Iż-Żejt taż-żebbuġa

FRANZA

L-Huile d'olive d'Aix-en-Provence (IOP)

L-Huile d'olive de Haute-Provence (IOP)

L-ITALJA

Il-Veneto Valpolicella, il-Veneto Euganei e Berici, il-Veneto del Grappa (IOP)

L-OĠĠETTI TA' L-IKEL ELENKATI FL-ANNESS I MAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2081/92

Il-Ħobż, l-għagina, il-kejkijiet, l-oġġetti tal-ħelu, il-gallettini u oġġetti oħra tal-furnar għall-bejgħ

L-ITALJA

Il-Coppia Ferrarese (IĠP)